Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 191/2015

Il-Pulizja

Vs

Joseph Bugeja

Illum 9 ta' Dicembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Bugeja detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 566458M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax xahar ta' Dicembru, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil martu Dolores Grech u/jew lil udileu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas din is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti sabet lill-imputat hati u kkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Bugeja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' April, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija minghajr pregudizzju, f'kaz li

dan l-appell ma jintlaqax joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tapplika penali iktar gusta u ekwa ghal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

(i) Illi l-kwerelanta/parte civile ma ghaniex locus standi sabiex tavvanza kwalsiasi pretensjoni stante illi l-manteniment dovut huwa ghal-Dylan Bugej u fiz-zmien meta kien dovut tali manteniment, Dylan Bugeja li ghandu jressaq kwalsiajsi pretensjoni fir-rigward tal-manteniment dovut mill-appellant ghalih jekk stess dan huwa dovut;

(ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellant jikkontendi li f'dak il-perjodu huwa kien a konoxxjenza tal-fatt li Dylan Bugeja kien qed jahdem f'liema kaz allura l-manteniment ma jkunx dovut isda imbghad irrizulta mill-provi u mixhieda prodotti li Dylan Bugeja kien qed jaghmle xoghol ta' apprentista u li kien ghadu student l-MCAST peress li rrepeta s-sena skolastika liema fatt l-appellant ma kienx a konoxxjenza tieghu u kien ghalhekk li waqaf ihallas il-manteniment;

(iii) Illi di piu' minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju l-appellant jikontendi li huwa dak iz-zmien ma kienx qieghed jahdem u kien ghalhekk ukoll li ma baqax jivversa l-manteiment hekk dovut.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta ta' llum il-parte leza Dolores Grech iddikjarat illi hija thallset l-ammont ta' manteniment dovut.

Illi din il-Qorti fic-cirkostanzi hija tal-fehma illi ghalkemm fil-mertu d-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata billi jirrizulta illi l-manteniment thallas tardivament, madanakollu l-Qorti ser tvarja l-piena inflitta fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tvarja d-decizjoni tal-Ewwel Qorti billi tikkonfermha fil-mertu izda tvarjaha f'dak illi jirrigwarda l-piena u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef